# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 2044/97**

**Numru 30**

**Mark Muscat**

**vs**

**Dr Joseph Vassallo Agius**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm341.19c (jew somma ohra li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominandi) danni in segwitu ghal incident stradali li gara Hal Balzan fil-25 ta' Mejju 1997 bejn car nru AAJ 812 misjuqa mill-konvenut u car KAC 898 tal-istanti misjuqa minn Bernard Muscat prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 1997 (zewg notifiki) u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz

kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Spejjez ukoll (Lm10.50 ta' konsult u ittra).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort tal-konvenut, izda gara unikament tort u htija ta' Bernard Muscat is-sewwieq tal-vettura numru KAC 898, li naqqas milli josserva r-Regolamenti tat-Traffiku b'mod illi habtet mal-parti ta' wara tal-vettura numru AAJ 812 misjuqa mill-eccipjenti, u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur nomine in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.

3. Salve eccezzjonjijet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 36.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-vettura tal-marka Fiesta numru KAC 898 appartenenti lill-attur, filfatt kienet qed tinsaq minn huh <u>Bernard Muscat</u> li xehed (a fol 19 et seq ibid) illi

kien niezel mid-direzzjoni tar-Rabat u sejjer, minn Triq Notabile, lejn Fleur de Lys, u dan b'volocita ta' madwar 30/33 mili fis-siegha. Hawnhekk hu ra karozza ohra hierga lateralment, minn triq (Vjal De Paule) mid-direzzjoni tal-Palazz ta' Sant'Anton fuq liema triq hemm sinjal ta' "stop". Difatti hu ra din il-karozza misjuqa mill-konvenut, taqsam it-triq tieghu sabiex din iddur mar-"roundabout" u tmur fid-direzzjoni tar-Rabat. Kif ra hekk hu ghafas il-"brake" u, peress li b'hekk naqqas hafna il-velocita' tieghu, il-vettura l-ohra ntlaqtet "ftit ftit" ossija "kemm lqattu ftit". In kontro esami, ix-xhud qal li kien ghaddej fuq il-karreggjata ta' barra ("fast lane") u qabel li wara l-vettura tieghu kien hemm marki ta' "brake" kif murija fuq l-iskizz (a fol 17 tal-atti) u twal 26.10 metri.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tieghu <u>l-konvenut</u> (fol 33 et seq ibid) xehed li hu waqaf fejn kien hemm is-sinjal ta' "stop" gja imsemmi. Hawnhekk hu hares kemm lejn il-lemin kif ukoll lejn ix-xellug u "rajt li ma kienux gejjin karozzi". Ghalhekk hu hareg, qasam it-triq u kif wasal esattament mal-imsemmija "round about" sabiex jdur lejn ir-Rabat, hu sema hoss ta' "brakes" u ftit wara saret il-habta billi l-vettura tieghu intlaqtet ftit fuq wara minghajr ma giet kagunata hsara.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-versjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut fix-xhieda tieghu, ghandha issir referenza ghar-rapport esebit in atti a fol 15 minn fejn jidher li l-istess konvenut kien stqarr ma PS 833 Francis Seychell (fol 13 et seq ibid) li hu kien ra l-vettura appartenenti lill-attur "ftit il-boghod" qabel ma hareg ghal go t-triq principali.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad li l-lokalita' imsemmija, qabel ma tpoggew id-dwal tat-traffiku, kienet wahda perikoluza minhabba l-ammont ta' traffiku ghaddej minn Triq Notabile u dak hiereg minn Vjal De Paule sabiex jew jdur ghall-istess principali jew jaqsam din sabiex jdur mal-imsemmija "round about". Dan kien kagun ta' diversi incidenti tat-traffiku f'dik il-lokalita, liema sitwazzjoni tidher li giet rimedjata permezz ta' dwal tat-traffiku li tpoggew wara l-incident in esami u ohrajn.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward dan il-kaz, jidher l-ewwel nett li l-konvenut kien stqarr lill-Pulizija illi, effettivament kien ra "ftit il-boghod" il-vettura misjuqa mill-imsemmi Bernard Muscat. Ciononostante, hu hareg sabiex jaqsam it-triq principali. Dan il-punt juri nuqqas tad-debita kawtela da parti tal-konvenut rikjesta fic-cirkostanzi tal-kaz sabiex hu jaccerta ruhu li seta' effettivament

johrog minn fuq sinjal ta' "stop", minghajr ma jikkaguna kollizjoni, li effettivament grat.

Illi jidher li dan hu il-fattur principali li kkaguna din il-kollizzjoni. Pero ma' jistax jigi injorat fattur iehor ossija il-velocita ftit eccessiva da parti ta' Bernard Muscat rrisultanti mit-tul ta' "brake marks" kif hawn fuq premess ossija 26.10 metri. Difatti il-Qorti hi konvinta li dan l-fattur ikkontribwixxa sabiex issir din il-kollizjoni.

Illi, dan premess, jidher li lill-konvenut triq tigi akkolata sebgha minn tmienja (7/8) tar-responsabilta' ghal dan l-incident waqt li ir-rimanenti wiehed minn tmienja (1/8) ghandu jbatieh Bernard Muscat ossija l-attur.

Ikkunsidrat

Illi il-"quantum" ta' danni pretizi skond l-avviz ma giex kontestat (ara fol 36 u fol 23 sa 30 ibid).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' "in parte" it-talbiet attrici u;

1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli kwantu ghal sebgha minn tmienja (7/8) ghall-incident in esami.

2) tillikwida l-ammont ta' danni dovuti mill-konvenut lill-attur fis-somma ta' Lm301;

u 3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur s-somma ta' Lm301 bl-imghax legali mit-8 ta' Awissu 1997 sal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes kollha dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal sebgha minn tmienja (7/8) mill-konvenut u kwantu ghal wiehed minn tmienja (1/8) mill-attur.

Alan Calleja
Dep.Reg